MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 70/2010/1

**Aziz Dabous**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija bhala**
**Principal Immigration Officer u**
**Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrent, l-appellant, minn sentenza moghtija fit-8 ta' April 2013 mill-Prim' Awla

tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti filwaqt li ddikjarat "li r-rikors promotur hu wiehed frivolu u vessatorju."

2. Fir-rikors promotur l-appellant talab li l-Qorti:
".......taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqies xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettiq tal-imsemmija drittijiet fundamentali, (1) tiddikjara illi l-agir tal-Pulizija illeda u qed jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, u cioe` l-Artikoli 8 u 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319), (2) tordna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija biex jirritorna lpassaporti lir-rikorrent, (3) tordna lill-intimati sabiex jirtiraw kull azzjoni ghat-tkeccija minn Malta li qed tittiehed kontra r-rikorrent, u (4) tordna l-hlas ta' kumpens xieraq.". [Fil-premessi tar-rikors saret ukoll referenza ghall-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni]

3. Fir-rikors tal-appell tieghu r-rikorrent talab li, ghar-ragunijiet hemm indikati, s-sentenza appellata tigi mhassra, u t-talbiet maghmula minnu fir-rikors promotur jigu milqugha, bl-ispejjez kontra l-appellati.

4. Min-naha taghhom l-appellati, ghar-ragunijiet indikati minnhom fir-risposta taghhom, talbu li l-appell jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant.

**<u>Il-Fatti</u>**

5. Il-fatti relevanti huma dawn. L-appellant, cittadin Sirjan, kien gie Malta fit-18 ta' Gunju 2001, wara li kien inghata permess tax-xoghol ghall-perjodu li jestendi mill-14 ta' Gunju 2001 sal-31 ta' Lulju 2001. Sussegwentement dan il-permess kien gie estiz sal-31 ta' Dicembru 2001. Applikazzjoni ohra maghmula minnu ghal estensjoni ulterjuri tal-permess u li saret fil-21 ta' Dicembru 2001 kienet giet rifjutata.

6. Minkejja r-rifjut tal-ahhar applikazzjoni tieghu, l-appellant baqa' Malta, u fil-21 ta' Frar 2003 huwa zzewweg lil Christine Xuereb. Bis-sahha ta' dan iz-zwieg

l-appellant akkwista l-*exempt person status* a tenur tal-Artikolu 4[1][g] tal-Att dwar l-Immigrazzjoni.

7. Fil-20 ta’ Lulju 2007 il-pulizja tal-vice squad arrestaw lill-imsemmija Christine Xuereb minn post fil-Marsa. Fl-istqarrija[1] rilaxxjata minnha din ammettiet li kienet nizlet hemm ghall-skopijiet ta’ prostituzzjoni. Hija spjegat li circa erbgha snin ili hi kienet izzewwget ragel, izda qatt ma kienet ghexet mieghu. Qalet li kienet insiet l-isem ta’ dan ir-ragel. Hija kienet imwegheda LM1,000 sabiex tidhol f’dan iz-zwieg, izda dawn il-flus qatt ma kienu waslu ghandha.

8. Sussegwentement giet interrogata mill-pulizija tas-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni, u fl-24 ta’ Lulju 2007 irrilaxxjat dikjarazzjoni fejn ikkonfermat li xi snin ilu hija kienet izzewwget lil Aziz wara li kienet imweghda s-somma ta’ LM1,000, u kkonfermat ukoll li wara z-zwieg qatt ma kienet ghexet mieghu. Fi kliemha: *“Li zgur hu li kemm ilna li zzewwigna qatt ma ghexna flimkien”.*[2]

9. Rizultat ta’ din id-dikjarazzjoni da parti ta’ Christine Xuereb, fit-22 ta’ Marzu 2010 inharget *removal order* fil-konfront tal-appellant a tenur tal-Artikolu 5 tal-imsemmi Att, peress li r-raguni li ghaliha dan kien thalla joqghod f’Malta ma kienitx baqghet tezisti. Huwa appella quddiem il-Bord tal-Appell Dwar l-Immigrazzjoni [il-Bord], izda b’decizjoni tal-5 ta’ Ottubru 2010, l-appell gie rifjutat u l-ordni tat-tnehhija giet konfermata[3].

10. Illi fl-affidavit[4] datat 22 ta’ Frar 2011 prezentat fil-proceduri quddiem l-ewwel istanza, l-istess Christine Xuereb ikkonfermat li hi kienet izzewwget lil Aziz Dabous fil-21 ta’ Frar 2003. Qalet pero` li, ghalkemm kien hemm xi zmien li minhabba dizgwid bejniethom ma baqghux jghixu flimkien, *“wara rrangajna ma xulxin u ergajna bdejna nghixu flimkien bhala koppja mizzewwga”.*

---

[1] Fol. 35 et seq.
[2] Fol.39
[3] Fols.44-45
[4] Fol.50

11. Fid-depozizzjoni taghha moghtija *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti fit-28 ta' Mejju 2012, l-imsemmija Christine Xuereb ikkonfermat il-kontenut tad-dikjarazzjoni taghha tal-24 ta' Lulju 2007. Fi kliemha: *"Ghadha kif inqratli id-dikjarazzjoni ….. nikkonferma li dak li jinghad f'din id-dikjarazzjoni hi l-verita` kollha"*[5]. Izda fl-istess depozizzjoni stqarret li f'dawn l-ahhar sentejn [u cioe` mit-28 ta' Mejju 2012 lura], wara li l-appellant "*beda jfittxni"* huma bdew joqghodu flimkien. Qalet ukoll, fuq mistoqsijiet maghmula lilha, li hi ma kienitx taf fejn kien jahdem l-appellant ghax ma kienx jghidilha, u lanqas taf mil-liema pajjiz kien gej l-appellant. Flus ma taha qatt.

12. Fuq domandi ulterjuri dwar il-hajja matrimonjali bejnha u bejn l-appellant, Christine Xuereb qalet:
"Ma Aziz ma jkollix x'naqsam. Issa li qed issaqsini d-domanda l-Qorti nghid li gieli jkollna x'naqsmu flimkien, imma mhux ta' kuljum. Hu jersaq lejja. Jekk ikollli x'naghmel jien mhux ser nersaq lejh. Il-kugin tieghu qalli ghax qal hekk l-avukat….. Nikkonferma li r-ritratti hadnihom f'darba wahda. Qadna nbiddlu ukoll il-hwejjeg"[6].

13. Fid-depozizzjoni tieghu moghtija minnu *viva voce* fit-28 ta' Mejju 2012, l-appellant qal li, wara li kien izzewweg lil Christine Xuereb, din telqet mid-dar u marret tghix ghand habiba taghha. Sussegwentement, wara li hu kien ghamel xahar habs peress li l-pulizija kienet qabitu jahdem, u wara li l-pulizija kienu diga` kellmu lil Christine Xuereb, huma bdew jghixu flimkien. Jispjega li r-ritratti ttiehdu fuq rikjesta tieghu ghax *"ladarba irrangajna, ridt li niehdu r-ritratti flimkien"*[7].

14. Fit-18 ta' Ottubru 2012, u cioe` wara li kienu nghataw id-depozizzjonijiet fuq indikati, il-pulizija kompliet bl-investigazzjonijiet taghha dwar l-appellant, u f'okkazzjoni minnhom ghalL-habta ta' xi t-8.00pm raw lill-appellant jasal fir-residenza fejn suppost hu kien qed jghix

[5] Fol.56
[6] Fol.58
[7] Fol.59

flimkien martu. Dwar din l-ispezzjoni l-Ispettur Mario Haber xehed hekk:
“Stqasejnieh fejn tinsab il-mara Christina u qalilna li ma jafx fejn hi. Qalilna li dak il-hin ma kienx jaf fejn hi. Spezzjonajna l-post biex naraw jekk ghandhomx xi *belongings*. Hwejjeg li nstabu huma tar-ragel biss. Hwejjeg ta’ nisa ma kien hemm assolutament xejn fil-post. Lanqas kien hemm xi oggetti ohra li jista’ jindika li hemm xi mara qed tghix fl-appartament. Ahna hadna tlett ritratti tal-post. Meta staqsejt lir-rikrrent fejn torqod martu, urieni sodda. Qed nipprezenta ritratt Dok.MH1. Sodda li la kellha mhadda u lanqas lozor. Staqsejtu biex juri fejn jorqod hu, u hu dahhalni f’kamra fehn kien hemm zewg saqqijiet. Qed nipprezenta ritratt MH2.”

**Is-Sentenza Appellata**

15. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

………..omissis……….

“Il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma’ kemm lir-rikorrent u lil Christina Xuereb jixhdu, u m’ghandix dubju li:-

i. ”Il-kunsens ghaz-zwieg kien simulat.

ii. ”L-uniku raguni ghalfejn Aziz Dabous u Christina Xuereb izzewwgu kien sabiex ir-rikorrent jibqa’ jghix Malta u Christina Xuereb tinkassa somma flus, pero li skont il-verzjoni li tat zammet il-persuna li lilha sar il-hlas. Christina Xuereb xehedet li d-dikjarazzjoni li ghamlet quddiem l-Ispettur Edil Mary Camilleri fl-24 ta’ Lulju 2007 hi l-verita. Fiha jinghad, fost’affarijiet ohra:-

*“Jiena hawn fuq imsemmija nixtieq nghid li izzewwigt lil Dabous Aziz ta’ nazzjonalita` Sirjana 5 snin ilu. Id-data ezatt ma niftakariex. Li naf zgur hu li laqqani mieghu kuginuh li jghix hawn Malta u ftehmena li nithallas taz-zwieg mieghu. Niftakar li ftehemna fuq il-prezz ta’ Lm1000..... Jien u Aziz izzewwigna, u wara li izzewwigna Charlie maghruf bhala Gobon minn B’Kara avvicina lil*

*Aziz u thallas Lm1000...... Jiena wara iz-zwieg mort nghix ghal rasi il-Gzira u Aziz mar ghal rasu pero ma nafx fejn. Li naf zgur hu li kemm ilna li izzewwigna qatt ma ghexna flimkien.........”*[8].

“Fir-rikors promotur ir-rikorrent qal li:-

*“.......ma jridx li jitnehha minn Malta u jinfired minn martu Christina Xuereb, minkejja li hemm dizgwid.*

*Illi raguni ohra ghala r-rikorrent irid jibqa’ f’Malta hija li ghaddejja medjazzjoni bejnu u martu (Medjazzjoni numru 498/2010NC) u hija x-xewqa tieghu li l-problemi fir-relazzjoni tieghu ma’ martu jissewwew.”*

“Il-qorti ma tifhimx kif ir-rikorrent qieghed jilmenta li l-agir tal-awtoritajiet jmur kontra l-Artikolu 3 u 8 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, meta hu stess izzewweg cittadina Maltija biex ikun jista’ jikkwalifika bhala persuna ezenti u b’hekk jibqa’ jghix Malta. Il-qorti ma tista’ ssib xejn hazin fl-agir tal-awtoritajiet, li wara kollox qeghdin iwettqu d-dmir taghhom li jenforzaw il-ligijiet tal-pajjiz. F’dan il-kaz il-qorti m’ghandix dubju li:-

i. “L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ma japplikax peress li r-rikorrent fl-ebda stadju ma kien soggett ghal xi trattament inuman u degredanti. Ghalkemm matul is-snin kien hemm zviluppi konsiderevoli fl-interpretazzjoni ta’ dan il-provvediment, l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq ‘il fatt li bit-tkeccija tieghu minn Malta mhux ser jithalla jkompli fir-relazzjoni ma’ martu u dan jissarraf fi ksur tal-Artikolu 3. Gialadarba l-qorti tikkonkludi li z-zwieg ma’ Christina Xuereb kien biss ta’ konvenjenza u qatt ma kienet tezisti hajja matrimonjali bejniethom, l-ilment tar-rikorrent hu bla bazi.

ii. “L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma japplikax peress li fil-kaz tar-rikorrent **ma tezistix hajja familjari** f’Malta. Il-qorti hi konvinta li qatt ma kien hemm hajja matrimonjali bejn ir-rikorrent u Christina Xuereb.

[8] Fol. 39.

Ghalkemm fis-seduta tat-28 ta’ Mejju 2012 Christina Xuereb ipprovat tpingi stampa li biz-zmien zviluppat l-imhabba bejniethom, dan kien biss tentattiv fqir li din il-qorti qatt mhi ser temmen.  Il-qorti qatt mhi ser tinsa r-ritratti li Christina Xuereb ipprezentat, li juru lir-rikorrent u lil Christina Xuereb jippozaw ghal kamera tar-ritratti biex jipprovaw jaghtu l-impressjoni ta’ koppja maghquda. Irrizulta kif ir-ritratti ttiehdu f’okkazzjoni wahda ghalkemm jidhru lebsin hwejjeg differenti.  *Photo session* fqira li saret fil-fond fejn jidher li jghix ir-rikorrent u intiza biss sabiex tipprova tqarraq li bejn dawn it-tnejn min-nies tezisti hajja matrimonjali.  Rilevanti wkoll dak li xehed  l-Ispettur Mario Haber fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2012 fejn ikkonferma li wara s-seduta tat-28 ta’ Mejju 2012 kienu saru tlett spezzjonijiet fil-fond 10, Flat 1, Racecourse Street, Marsa. Fethilhom ir-rikorrent u fil-post sabu biss hwejjeg tal-irgiel. Zied ighid: *“Lanqas kien hemm xi oggetti ohra li jista jindika li hemm xi mara qed tghix fl-appartament.”*. Sahanistra fl-atti hemm provi li r-rikorrent hu mizzewweg mara ohra u ghandu t-tfal.

iii. “L-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ma japplikax ghall-kaz in ezami.  L-artikolu 45(3) ifisser il-kelma ‘diskriminatorju’ bħala *“għoti ta’ trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew principalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta’ origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess li minhabba fihom persuni ta’ deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta’ deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suggetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta’ deskrizzjoni oħra bħal dawn”*.  Tul il-proceduri r-rikorrent ma jghidx a bazi ta’ liema wahda minn dawn ir-ragunijiet qieghed jilmenta.  F’kull kaz ghalkemm fir-rikors promotur ighid li kien hemm nies ohra ta’ nazzjonalita` Sirjana u *“....persuni fl-istess cirkostanzi bhal tieghu ma sabux l-istess tfixkil biex jezercitaw il-jeddijiet taghhom jew biex ikomplu jgawdu tali jeddijiet.”*, ma ressaq l-ebda prova.  Il-qorti ma tifhimx kif jista’ jressaq ilment simili meta l-presenza tar-rikorrent f’Malta hi kontra l-ligi.

“Dawn il-proceduri lanqas m’huma kompatibbli ma’ dak li ddikjara r-rikorrent f’appell li kienipprezenta lill-Immigration Appeals Board:

*“....the appellant humbly requests that the Board enables him to leave Malta on a voluntary basis. Therefore, the applicant requests that the Honourable board grants a one month extended permission to stay in Malta, in view that he has been living in Malta for the past seven years and he needs this period of time in order to settle all pending matters.”*[9].

“Fl-ahharnett ir-rikorrent isostni li hu intitolat ghal *long term residence* ghaliex ilu jghix f’Malta mis-sena 2001 u ghandu kondotta nadifa. Ir-rikorrent ma tax prova li qatt ghamel xi talba biex jinghata permess simili. Jekk kif jallega hu intitolat ghall-ghoti ta’ tali permess ma kien hemm xejn milli qieghed izommu milli jaghmel il-proceduri normali. Dan minkejja li l-qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrent jista’ jibbenifika minn xi permess simili gialadarba ottjena l-permess biex ikompli jghix f’Malta billi fil-21 ta’ Frar 2003 dahal fi zwieg ta’ konvenjenza.”

**<u>L-Appell</u>**

16. Dan hu bazat fuq tlett aggravji: [1] li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti, u valutazzjoni skorretta tal-ligi; [2] li l-mertu ta’ din il-kawza jinvolvi punt ta’ Dritt Ewropew; [3] li l-ewwel Qorti applikat hazin l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

17. L-appellati rribattew dawn l-aggravji, izda in linea preliminari eccepew l-irritwalita` u n-nullita` tar-rikors tal-appellant a tenur tal-Artikolu 46[5] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4[5] tal-Kapitolu 319.

18. Ghalhekk, qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-aggravji mressqa mill-appellant, hija ser tinvesti l-punt procedurali sollevat mill-appellati.

---

[9] Fol. 47. B’decizjoni li nghatat fil-5 ta’ Ottubru 2010 il-Bord cahad l-appell u kkonferma l-ordni ta’ tnehhija tat-22 ta’ Marzu 2010 (fol. 44-45).

19. Dan il-punt jirreferi ghat-termini uzati mill-ewwel Qorti fil-parti dispozittiva tas-sentenza fejn iddikjarat l-appell bhala wiehed frivolu u vessatorju, u huwa bazat fuq il-kontenut tal-artikoli precitata. L-Artikolu 46[5] tal-Kostituzzjoni jiddipsoni li *"Ma jkunx hemm appell minn xi decizjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun semplicement[10] frivola jew vessatorja".* L-Artikolu 4[5] tal-Kap. 319 jirrifletti l-kontenut ta' dan l-artikolu kostituzzjonali.

20. In sostenn ta' dan il-kwezit, l-appellat iccita kazistika, b'mod partikolari l-kaz **Carmen Micallef v. Prim Ministru** deciza fl-24 ta' Ottubru 2005 fejn din il-Qorti osservat li, ghalkemm fil-parti dispozittiva tas-sentenza ma kienx gie indikat it-terminu *"semplicement", xorta wahda kienu applikabbli l-artikoli precitati ladarba* fil-pragrafu precedenti ghall-parti dispozittiva l-ewwel Qorti kienet osservat li t-talba tar-rikorrent kienet frivola u vessatorja u *"anke abbuz tal-proceduri gudizzjarji u kostituzzjonali".*[11]
Fil-kawza **Anthony Pace v. Avukat Generali**, deciza fl-20 ta' Ottubru 2004 din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni fuq l-artikolu *de quo*:
"… … … biex ikun hemm l-ostakolu imsemmi l-ewwel Qorti trid tkun ippronunzjat ruhha fis-sens li t-talba kienet "semplicement frivola" jew "semplicement vessatorja" (ara, **Joseph u Alexander Ciantar v. L-Onorevoli Prim Ministru** Qorti Kost., 10 ta' Mejju, 1995[12]; **Mario Azzopardi v. Registratur tal-Qorti et.** Qorti Kost., 17 ta' Jannar, 1996[13]). Il-legislatur ried li l-proceduri ma jimxux oltre mhux meta t-talba (jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni, skont il-kaz) tkun infondata, ghax batuta, malkoncepita jew ingarbuljata, izda meta tkun mill-ewwel tidher li hija vana, nieqsa mis-serjeta`, manifestament nieqsa mis-sens u ma

[10] Sottolinear tal-Qorti
[11] Fil-kaz ***Salvatore Grech v Avukat Generali*** deciza fil-31 ta' Jannar 2005, din il-Qorti tosservat li: ".... l-ewwel Qorti iddikjarat, f'parti integrali mid-dispozittiv, li *"…dawn il-proceduri istitwitu minnu* [cioe` minn Salvatore Grech] *huma frivoli u vessatorji u saru bi skop uniku li jipprova jgib fix-xejn ilproceduri kriminali pendenti kontra tieghu"* u ghalhell iddikjarat l-appell irritu u null.
[12] Vol. LXXIX (1995), l-Ewwel Parti, p. 126
[13] Vol. LXXX (1996), l-Ewwel Parti, p. 4

jisthoqqilhiex attenzjoni (*ergo* frivola), jew maghmula biss biex iddejjaq jew tirrita lill-kontroparti (*ergo* vessatorja), u dan kollu b'mod tant car illi mhux ragjonevolment possibbli li wiehed jikkontesta li t-talba jew it-tqanqil ta' dik il-kwistjoni hija effettivament frivola jew vessatorja[14] (jew possibilment anke t-tnejn)."

21. Fil-kaz in dizamina, ghalkemm l-ewwel Qorti osservat li t-talbiet tar-rikorrenti kienu frivoli u vessatorji, ma hemm xejn x'jindika, la fil-parti dispozittiva tas-sentenza u lanqas fil-paragrafi precedenti, li dik il-Qorti kienet qed tqis it-talbiet bhala *"semplicement"* frivoli u vessatorji. Ghalhekk in mankanza ta' wiehed mir-rekwiziti ghall-applikazzjoni tal-artikoli precitati, is-sottomissjoni tal-appellati li r-rikors tal-appell huwa irritu u null, hija minghajr gustifikazzjoni fil-ligi.

22. Issa l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina *seriatim* l-aggravji mressqa mir-rikorrenti.

*L-ewwel aggravju*

23. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti, u evalwazzjoni skorretta tal-konsiderazzjonijiet legali.

24. In sostenn tal-ewwel parti tal-aggravju, huwa jsemmi: il-fatt inkontestat li r-rikorrent ilu jghix Malta mis-sena 2001 u ghalhekk ghal aktar minn tnax (12)-il sena; li hu kien dahal Malta legalment u ma kienx jghix Malta illegalment; li ma hemm ebda sentenza, pronunzjata minn qorti kompetenti f'materja ta' zwigijiet "illi z-zwieg tieghu huwa null u bla effett jew li z-zwieg huwa zwieg ta' konvenjenza"; id-dhul tieghu fis-settur tax-xoghol lokali u sahansitra nghata r-registrazzjoni tal-Vat Number mid-dipartiment koncernat; is-sahha tar-rabtiet familjari li ghandu f'Malta; u l-fatt li huwa mhux biss izzewweg, izda ghex mal-mara li zzewweg.

[14] Vol. LXXIX (1995), l-Ewwel Parti, pp. 142-143.

25. In sostenn tat-tieni parti tal-aggravju, huwa jissottometti li l-ewwel Qorti ghamlet valutazzjoni skorretta tal-ligi, u cioe` tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Jiccita brani minn sentenzi biex isostni li hu rabba l-gheruq tieghu f'Malta u li ghalhekk kien inserixxa ruhu sew f'Malta. Ghalhekk jghid li l-ordni tat-tnehhija tieghu tikkostitwixxi interferenza fid-dritt ghal hajja privata u hajja tal-familja tieghu, bi vjolazzjoni tal-artikolu precitat.

26. Fl-istess aggravju l-appellant, filwaqt li jirreferi ghall-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 7 tal-Konvenzjoni, jghid li *"Bhala persuna Third Country National, li ilha tghix f'Malta ghal aktar minn 5 snin, ir-rikorrent huwa intitolat ghal status ta' Long-Term Resident. Dan l-artikolu… jirrikjedi protezzjoni taht il-ligi anke ghal 'alien lawfully resident in the territory of a State".*

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

27. Rigward l-ewwel parti tal-aggravju, din il-Qorti tirrbadixxi li bhala Qorti ta' Revizjoni li ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, jekk jezistu elementi ta' provi sufficjenti sabiex dik il-qorti setghet logikament tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghalija, jew jekk m'hemmx zball manifest li jista' jwassal li parti jew ohra ssofri ingustizzja.

28. Fil-kaz in dizamina l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li z-zwieg tal-appellant ma' Christine Xuereb kien wiehed ta' konvenjenza intiz unikament sabiex hu jkun jista' jibqa' Malta u ma tigix fis-sehh l-ordni tat-tnehhija mahruga kontra tieghu. Korollari ghal dan, l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li ma kienx hemm hajja familjari bejn l-appellant u l-istess Christine Xuereb.

29. Dik il-Qorti waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet wara li semghet *viva voce* lil dawn il-persuni, kif ukoll lill-Ispettur Mario Haber li kien prezenti ghall-ispezzjoni li kienet saret f'dik li suppost kienet ir-residenza konjugali taghhom.

30. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi fir-rigward, ma tarax li tezisti xi raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba

d-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti u l-apprezzament li ghamlet tal-provi li kellha quddiemha. Dik il-Qorti kienet ragjonevolment intitolata li tasal ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm hajja familjari bejn l-appellant u Christine Xuereb.

31. Mill-provi jirrizulta li kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnha fl-20 ta' Lulju 2007, kemm fid-dikjarazzjoni rilaxxjata minnha fl-24 ta' Lulju 2007, kif ukoll fid-depozizzjoni li nghatat minnha *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti, Christine Xuereb ikkonfermat li hi accettat li tizzewweg lill-appellant minhabba l-weghda maghmula lilha ta' LM1,000, u li dawn, ghalkemm legalment mizzewwgin, qatt ma ghexu flimkien wara z-zwieg, tant li fl-istqarrija taghha tal-20 ta' Lulju 2007 hija stqarret li kienet insiet[15] l-isem tal-allura ragel taghha.

32. Kien biss fis-sena 2010, li kienet is-sena li fiha kienet harget l-ordni tat-tnehhija, li, skont ix-xhieda ta' Christine Xuereb u tal-appellant, dawn bdew jghixu flimkien fil-hajja konjugali. Izda din il-parti tax-xhieda tinsab imtappna b'dak li xehdet l-istess Christine Xuereb li hi ma kienitx taf il-pajjiz tal-origini tal-appellant, u lanqas kienet taf fejn kien jahdem f'Malta, kif ukoll bid-dikjarazzjoni taghha li l-appellant qatt ma taha flus – elementi ta' prova li jimmilitaw kontra l-ezistenza tal-hajja familjari.

33. Inoltre, l-allegazzjoni li dawn bdew jghixu flimkien fil-hajja konjugali sentejn qabel id-depozizzjoni taghhom fit-28 ta' Mejju 2012 tinsab imdghajjfa serjament mir-rizultat tal-investigazzjoni sussegwenti li l-ghamlu l-pulizija u senjatament dak li sabu fl-ispezzjoni li ghamlu fir-residenza fejn suppost kienu qed jikkonvivu l-appellant u Christine Xuereb. Harsa lejn ir-rittratti MH1 u MH2 ezebiti, li juru kamra fejn kien hemm sodda li fuqha kien hemm saqqu biss, u kamra ohra fejn kien hemm saqqijiet mal-art bi fliexken tal-luminata, zewg tazzi u ashtray mal-art, hija bizzejjed sabiex wiehed ragjonevolament jasal ghall-konkluzjoni li Christine Xuereb ma kienitx qed tikkonvivi fl-

---

[15] Fol.35

istess post. Din il-konkluzjoni tinsab fortifikata b'dak li xehed l-imsemmi spettur li fil-post ma kienx hemm hwejjeg tan-nisa.

34. Mal-premess jizdied dak li l-ewwel Qorti korrettament iddeskriviet bhala "*Photo session fqira*" mizmuma mill-appellanti u Christine Xuereb, sabiex b'tentattiv li jikkonvincu lill-Qorti li huma kienu qed jghixu flimkien u kellhom hajja konjugali, huma f'okkazzjoni wahda hadu diversi ritratti fejn jidhru jippozaw mghannqin bi hwejjeg differenti sabiex imbaghad ipprezentawhom fil-Qorti. Jidher *ex abundantia* li din kienet prova arkitettata biex, kif qalet l-ewwel Qorti, iqarrqu bil-Qorti biex jipprovaw jaghtu l-impressjoni ta' koppja maghquda. Tentattiv dan, li fih grad gholi ta' inverosmiljanza u meskinita`.

35. Fit-tieni parti ta' dan l-aggravju l-appellant jghid li l-ewwel qorti ghamlet *"valutazzjoni skorretta tal-konsiderazzjonijiet legali".* Huwa jibbaza din l-asserzjoni tieghu fuq il-fatt li l-applikant dahal Malta legalment u baqa' Malta ghal crica tnax (12)-il sena qabel ma harget l-ordni tat-tnehhija, li dahal fil-kamp tax-xoghol bid-debita registrazzjoni tal-VAT, u wkoll *"is-sahha tar-rabtiet familjari li huwa ghandu f'Malta"*. Dawn ic-cirkostanzi jintitolawh ghall-hajja privata u hajja tal-familja fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

36. In tema legali l-Qorti taghmel referenza ghall-principji relevanti identifikati fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea u affermati minn din il-Qorti fil-kaz **Concetta Schembri v. Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza et,** deciza fis-26 ta' April 2013. Din il-Qorti osservat hekk : "**18.** L-iStat għandu dritt jeżerċita kontroll fuq id-dħul fit-territorju tiegħu ta' persuni li ma humiex ċittadini tiegħu u fuq id-dritt tagħhom ta' residenza fl-istess territorju[16]. Id-deċiżjonjiet tal-iStat f'dan il-qasam, iżda, ma humiex illimitati safejn jistgħu jinterferixxu ma xi dritt mħares bil-paragrafu 1 tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni peress li tali

[16] Ara fost oħrajn ECHR ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali v UK***, 28/5/1985, #67; ***Boujloifa v France***, 21/10/1997, #42; Q. Kost. ***Siham Habbad et v Onor. Prim Ministru*** et, 19/4/2012, #15

deċiżjonijiet jridu jkunu konformi mal-liġi u jkunu meħtieġa f'soċjeta` demokratika, u ċioe` ġustifikati b'xi esiġenza soċjali pressanti u proporzjonati mal-għan leġittimu persegwit[17]. Fejn ikun il-każ il-Qorti tkun trid teżamina jekk ir-rifjut tal-permess ta' residenza tal-applikant kienx iżomm il-bilanċ xieraq bejn l-interessi relevanti, u ċioe` id-dritt għar-rispett tal-ħajja familjari tal-applikant fuq naħa u l-prevenzjoni ta' diżordni jew il-kommissjoni ta' delitti fuq l-oħra[18].

"**19.** L-Artikolu 8 jħares id-dritt għal rispett tal-ħajja familjari u b'hekk jippresupponi l-eżistenza ta' ħajja familjari. Ifisser xi jfisser il-kunċett ta' familja dan ġie ritenut li ċertament jinkludi dik ir-relazzjoni li titwieled minn żwieġ li jkun skont il-liġi u ġenwin u li normalment jikkomprendi l-ko-abitazzjoni[19]."

37. Fir-rigward tad-dritt ghar-rispett tal-hajja tal-familja, il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet fattwali maghmula minnha u mill-ewwel Qorti, hi tal-fehma li mill-provi jirrizulta car l-inezistenza ta' "hajja ta' familja" bejn l-appellant u Christine Xuereb, kemm jekk dan it-terminu jitqies bhala konvivenza matrimonjali, kif ukoll jekk jigi interpretat b'mod aktar wiesa biex jinkludi rabta familjari *de facto*.

38. Fil-fatt f'dan il-kaz lanqas kien hemm rabta bazata fuq il-koabitazzjoni, izda kien hemm biss *messa in scena* b'tentattiv li jikkonvincu lill-Qorti li dawn kienu qed jghixu flimkien.

39. Rigward id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata, jidher li l-appellant qed jibbaza din il-parti tal-aggravju tieghu fuq il-fatt li, skont hu, hu rabba f'Malta gheruq bizzejjed sabiex jinvoka b'success dan id-dritt kif sancit bl-Artikolu 8. Huwa qed jibbaza din it-tezi tieghu fuq il-fatturi fuq indikati.

---

17 ECHR ***Dalia v France***, 19/2/1998; #52; ***Mehemi v France***, 26/9/1997,#34; ***Boultif v Switzerland***, 2/8/2001, #46
18 Każ ***Boultif,*** *ibid*, #47
19 ECHR Każ ***Abdulaziz,*** *ibid*, #62; ***Berrehab v The Netherlands***, 21/6/1988, #21

40. In propozitu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet :

41. [a] Il-fatt li l-appellant dahal f'Malta legalment, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li s-soggjorn tieghu f'Malta kien wiehed legittimu ghall-perjodu kollu. Di fatti mill-provi rrizulta li l-permess tax-xoghol inghata ghal perjodu limitat li gie mgedded ghall-ahhar darba sal-31 ta' Dicembru 2001. Minn dak iz-zmien 'il quddiem ma jistax jinghad li kien f'Malta b'mod legittimu.

42. Hija flokha l-osservazzjoni fir-rigward, li l-fatt li r-rikorrent kien inghata permess limitat ghal perjodu ta' ftit xhur biex jahdem f'Malta ma jirradika ebda dritt jew aspettattiva legittima li dan il-permess ghandu jibqa' jiggedded minghajr limitu, kif donnu jahseb ir-rikorrent meta fl-appell tieghu jghid li jikkunsidra lil Malta bhala t-tieni pajjiz tieghu.

43. [b] Illi ma jirrizultax provat dak sostnut mill-appellant li dan integra ruhu fil-hajja tax-xoghol f'Malta tant li *"sahansitra inghata r-registrazzjoni tal-VAT number mid-dipartiment tal-VAT".* Ma ngabux provi fir-rigward, anzi, skont id-depozizzjoni tal-istess appellant tat-28 ta' Mejju 2012 dan jstqarr li "*Kont spiccajt kelli naghmel xahar il-habs, kienu qabbduni il-pulizija waqt li kont qed nahdem ghand in-nies"*[20]*.* Dan juri li m'huwiex minnu li hu kien integra ruhu fil-hajja tax-xoghol f'Malta, ghax lanqas permess biex jahdem ma kellu.

44. [c] Illi dwar *"is-sahha tar-rabtiet familjari"* li l-appellant jinvoka favur tieghu biex isostni li kellu hajja privata f'Malta li timmerita l-protezzjoni tal-Artikolu 8, din il-Qorti tosserva li dan ma gie pprovat bl-ebda mod. Ma rrizultax li hu inserixxa ruhu sew fis-socjeta` Maltija, kif sostnut minnu. Anzi jinghad li, hlief ghaz-zwieg ta' konvenjenza li dahal fih biex ma tigix esegwita l-ordni tat-tnehhija, huwa m'ghandu ebda rabtiet familjari f'Malta. Fi kliem iehor ma pprovax li fil-konfront tieghu jezistu *"the totality of social ties between settled migrants and the*

[20] Fol.59

*community"*[21] li jidhlu fl-ambitu tal-kuncett ta' hajja privata kif koncepita fl-artikolu konvenzjonali fuq citat.

45. Rigward l-ahhar parti tal-aggravju fejn l-appellant jaghmel referenza ghall-Artikolu 1 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellati li dan l-artikolu ma giex indikat fir-rikors promotur li huwa limitat biss ghall-vjolazzjoni tal-Artikolu 8 u 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 54 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk din il-parti tal-aggravju in kwantu tirreferi ghall-imsemmi Artikolu 1 tal-Protokoll 7 jezorbita mill-parametri tal-azzjoni gudizzjarja odjerna.

46. Fl-ahharnett ghandu jinghad li, ladarba rrizulta li kienu mankanti kemm il-hajja ta' familja kif ukoll il-hajja privata fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, allura l-invokazzjoni ta' dan l-artikolu ma jistax ikollha success. Ghalhekk mhux il-kaz li jigi ezaminat jekk l-ordni ta' tnehhija kienitx interferenza necessarja f'socjeta` demokratika jew kienitx proporzjonata ghall-ghan taghha.

47. Dak li rrizulta f'dan il-kaz kien li r-rikorrenti kien ghex Malta ghal bosta snin b'mod illegali, u hadem b'mod illegali, u ghalhekk l-ordni tat-tnehhija tieghu kienet mizura konformi mar-reintegrazzjoni tal-istat tad-Dritt.

48. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

49. L-appellant fisser hekk dan l-aggravju:
"Illi l-kwistjoni mertu ta' dina l-kawza tinvolvi punt ta' Dritt Ewropew.

"Illi meta r-rikorrent izzewweg lil Christina Xuereb, cittadina Maltija, huwa akkwista d-dritt ta' residenza f'Malta. B'hekk huwa akkwista drittijiet taht it-Trattat tal-Unjoni Ewropeja.....

[21] Q.E.D.B ***Uner v The Netherlands***, deciz 18 Ottubru 2006, para.59; u ***Maslov v Austria*** [GC], deciz 23 Gunju 2008, para.63

"Illi d-drittijiet li huwa akkwista that it-Trattat tal-Unjoni Ewropea b'rizultat taz-zwieg tieghu ma' Christina Xuereb ma jistghux jittiehdu lura semplicement ghaliex huma kellhom dizgwid matrimonjali u kultant tghix mieghu u kultant le, ghaliex hu baqa' jghix u jahdem[22] hawn Malta sa mill-2001. Di fatti kien biss fis-sena 2010 illi l-exempt person status nehhielu arbitrarjament u abbuzivament."

50. Imbaghad ikompli bl-aggravju tieghu billi jaghmel konsiderazzjonijiet dwar "*c-cittadinanza miksuba biz-zwieg*" u *"c-cittadinanza tal-Unjoni".*

51. Fl-istess aggravju huwa jghid ukoll :
"Illi fl-assenza ta' sentenza mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] illi tghid illi z-zwieg kien zwieg ta' konvenjenza u ghalhekk null u la effett, il-Qorti Civili Prim' Awla [Gurisdizzjoni Kostituzzjonali] mhix il-qorti kompetenti biex tiddikjara li z-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza. Ghalhekk, dan il-pronunzjament fis-sentenza appellata huwa invalidu u jrid jitwarrab".

52. Dan l-aggravju huwa nsostenibbli kemm fattwalment, kif ukoll legalment.

53. Huwa nsostenibbli fattwalment ghax mhux korrett li jinghad li dak li kien hemm bejn l-appellant u Christina Xuereb kien *"dizgwid matrimonjali u kultant tghix mieghu u kultant le".* Kif jirrizulta *ex abundantia* mill-provi, dan kien zwieg b'kunsens simulat, tant li ghall-ewwel hames snin circa huma ma ghexux flimkien, u kien biss wara li ghadda dan iz-zmien u in vista tal-ordni tat-tnehhija li l-appellant rega' fittex lil Christine Xuereb sabiex jghixu flimkien biex hu jkun jista' jibqa' Malta. Inoltre rrizulta mill-provi li dawn ma kienux effettivament qed jikkonvivu flimkien. Ghalhekk mhux kaz ta' dizgwid ghal ftit taz-zmien, imma addirittura zwieg simulat.

54. Illi m'huwiex minnu li lill-appellant tnehhielu l-*exempt status "arbitrarjament".* Mill-provi jirrizulta li l-ordni tat-tnehhija u l-kaz tal-appellant kienu gew ezaminati mill-

[22] Sottolinear tal-Qorti

imsemmi Bord fuq proceduri istitwiti mill-appellant tramite l-avukat tieghu. Inoltre, fid-decizjoni tieghu l-Bord ta l-motivazzjoni li fuqu bbaza l-konkluzjoni tieghu.

55. Rigward ir-referenza ghad-Dritt Ewropew u ghat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tosserva li l-appellant ma indika ebda ligi ta' Dritt Ewropew li fuqu qed jibbaza din il-parti tal-aggravju tieghu. Ghaldaqstant ir-referenza ghad-Dritt Ewropew hija gratuwita, u m'hijiex sostnuta.

56. Rigward ir-referenza tieghu ghac-cittadinanzi miksuba biz-zwieg, il-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni hija gratuwita, stante li biz-zwieg ma' Christine Xuereb l-appellant akkwista l-*exempt status* u mhux ic-cittadinanza. Ghaldaqstant il-pretensjoni tal-appellant li t-tnehhija tal-exempt status *"tippregudikalu l-istatus tieghu ta' cittadin tal-Unjoni Ewropea"* hija insostenibbli legalment u turi li l-awtur ta' din il-pretensjoni ma jaghrafx id-distinzjoni bejn il-kuncett tal- *exempt status* u dak tac-cittadinanza.

57. L-istess jinghad ghar-referenza maghmula mill-appellant fl-ahhar paragrafu ta' dan l-aggravju ghac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fejn jirreferi ghall-istatus tieghu ta' cittadin tal-Unjoni Ewropea.

58. Rigward dik il-parti tal-aggravju fejn l-appellant jghid li hu *"baqa' jghix u jahdem hawn Malta"* din il-Qorti tosserva li dan jikkonferma li l-appellant kien baqa' jahdem Malta illegalment, tenut kont tal-fatt li mill-provi rrizulta li l-permess tax-xoghol kien skadielu fil-31 ta' Dicembru 2001. Di fatti, kif ammess minnu stess, f'okkazzjoni minnhom hu kien inqabad jahdem illegalment u kien gie kkundannat xahar habs.

59. In fine rigward is-sottomissjoni li l-ewwel Qorti ma kellhiex kompetenza li tiddeciedi li z-zwieg tal-appellant ma' Christine Xuereb kien wiehed ta' konvenjenza, din il-Qorti tosserva li l-ezami tal-pretensjoni ta' hajja tal-familja maghmula mill-appellant kienet tinnecessita ezami dwar jekk verament kienx hemm hajja tal-familja ghall-fini tal-Artikolu 8, u mill-provi rrizulta manifest li din il-hajja ma

kienitx tezisti, anke ghax meta Christine Xuereb u l-appellant taw il-kunsens matrimonjali taghhom huma ma kellhomx l-intenzjoni li jghixu l-hajja konjugali. Dan irrizulta mid-dikjarazzjoni maghmula minn Christine Xuereb fl-24 ta' Lulju 2007 u li giet sussegwentement konfermata minnha fid-depozizzjoni taghha tat-28 ta' Mejju 2012. La dan irrizulta mill-provi, kemm l-ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti kienu fid-dmir li jirrilevaw dan il-fatt fid-determinazzjoni tal-kwistjoni tal-ezistenza o meno tal-hajja tal-familja.

60. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat

*It-tielet aggravju*

61. Dan l-aggravju huwa bazat fuq id-dispost tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni li fir-rigward tieghu l-Qorti Ewropea identifikat is-segwenti principji li gew elenkati fil-kaz **Q.Kos. Jovica Kolacovic v. Attorney General**[23]:
"14.1 that in the court's assessment of the minimum level of severity account must be taken of all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and in some cases the sex, age and state of health of the victim; that treatment qualifies as "inhuman" if, *inter alia*, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering; that treatment qualifies as "degrading" if it was such as to arouse in the victim feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing him; also, regard is had as to whether the object was to humiliate and debase the person concerned, as to adversely effect his/her personality in a manner incompatible with Art. 3; that "in order for a punishment or treatment associated with it be 'inhuman' or 'degrading' the suffering or humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment 2 2 [Ramirez *Sanchez Case para.118-119]*".

[23] Appl. 50/2011 – deciza 12 Novembru 2012

62. Huwa jfisser dan l-aggravju hekk:
“Skont id-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea, jekk hemmx ksur jew le jiddpendi minn kwistjoni ta’ grad ta’ tbatija. Ir-rikorrent huwa bniedem kwiet hafna, jghix hajja semplici hafna, habrieki, qatt ma jkollu incidenti, il-kriminalita` lanqas jaf x’inhi. Jekk ir-rikorrent jitnehha minn Malta wara tant snin li thalla jghix u jahdem hawn, ikunu qeghdin jitqacctu l-gheruq li ghandu f’dan il-pajjiz li, ghalkemm mhux art twelidu [is-Sirja, li hija mifnija bi vjolenza kerha hafna] sar it-tieni pajjiz tieghu.”

63. Anke dan l-aggravju huwa bazat fuq premessi fattwalment skorretti. Fl-ewwel lok jinghad li m’huwiex minnu li l-appellant thalla jghix u jahdem Malta. Fil-fatt ma kellux permess tax-xoghol. Fit-tieni lok, irrispettivament mill-karattru affabbli li bih l-appellant iddeskriva lilu nnifsu, il-fatt provat hu li, minkejja li ma kellux permess biex jahdem, huwa xorta wahda baqa’ jahdem, kif minnu ammess, bi ksur tal-ligi. Fit-tielet lok, mhux korretta s-sottomissjoni li l-appellant “jitqaccat mill-gheruq” li rabba Malta, ghax mill-provi ma rrizultax li dan kellu *social ties* li fit-totalita` taghhom jintitolawh jinvoka l-Artikolu 8 tal-konvenzjoni. Ghalhekk bit-tnehhija tieghu minn Malta, l-appellant m’hu ser jitqaccat minn ebda gheruq, izda semplicement ser jigi rimoss minn pajjiz fejn qieghed jirrisjedi illegalment, u fejn baqa’ jahdem illegalment.

64. Ma giex provat li t-tnehhija tieghu minn Malta tikkostitwixxi trattament inuman jew degradanti. L-ordni ta’ tnehhija tikkostitwixxi biss mizura legittima, li ma hix intiza la biex tumilja u lanqas biex tikkaguna tbatija kbira lill-appellant, izda hija intiza sabiex twaqqaf l-istat ta’ illegalita` mahluq bil-prezenza tal-appellant f’Malta. B’referenza ghall-kazistika fuq citata, ma rrizultax li din l-ordni tikkaguna fl-appellant *“intense physical and mental suffering”* jew li tikkaguna *“suffering or humiliation ..... beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment.”*

65. Fl-ahharnett ir-referenza ghal glied li hemm fil-prezent fis-Sirja ma timmilitax kontra l-konkluzjoni, la ta’ din il-Qorti u lanqas tal-ewwel Qorti, stante li, kif

sottomess mill-appellati, hemm rimedju legali li jaghti protezzjoni temporanja fejn hemm konflitt fil-pajjiz tal-origini tal-individwu fuq talba lill-Kummissarju ghar-Rifugjati.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell, bl-ispejjez kollha a kariku tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------